Australian Government

Services Australia



# Australian Pension News

Ħarġa 50 Maltese

## Protezzjoni kontra l-iskams (il-fottimenti)

Dawk li jużaw l-iskams jistgħu jippruvaw jikkuntattjawk permezz tat-telefown, imejl, messaġġi bit-text, jew fuq medja soċjali. Huma spiss jippretendu li huma minn sorsi li tista' tafdahom, bħal myGov u Services Australia.

Meta aħna nċemplulek, ser jidher li hu minn numru privat tat-telefown. Aħna ser nistaqsuk għal dettalji bħal ismek, id-data tat-twelid, l-indirizz u l-password verbali, jekk għandek waħda. Aħna ser niċċekkjaw ir-rekord tiegħek biex nikkonfirmaw li fil-fatt int il-persuna li tgħid li int.

Jekk tirċievi telefonata li jkollha l-ID ta' min iċempel u jgħid li hu minn, myGov, Services Australia, jew Medicare, Centrelink jew Child Support din tkun skam (fottiment).

Meta l-iskammers (dawk li jridu jfottuk) iċemplulek, huma għandhom mnejn:

- jitolbuk tagħtihom dettalji dwar kif tidħol fil-myGov, inkluż il-password myGov, il-PIN, jew tagħtihom il-mistoqsijet u r-risposti sigriti biex tidħol fir-rekord tiegħek.
- issemgħuk messaġġ bil-vuċi li tkun irrekordjat minn qabel li jistaqsik tagħfas numru biex titkellem mal-istaff tagħna
- iċċempel minn numru tat-telefown li jidher u jistaqsuk tħallas għall-għajnuna, il-pagamenti jew is-servizzi tagħna
- jitolbuk tħallasna l-flus minnufih
- jhedduk li ser ikollok tħallas multi, li jarrestawk jew jitfgħuk il-ħabs.

Aħna dejjem ser nibgħatulek ittra jekk ikun hemm tibdil fil-pagamenti jew fil-kard tal-konċessjoni tiegħek.

Għal aktar tagħrif dwar skams (fottimenti) mur **servicesaustralia.gov.au/scams**

## Ara li jkun hemm xi ħadd li jirrappreżentak bħala persuna nominata għal Centrelink

Kemm jekk għandek bżonn ftit għajnuna jew ħafna, tista' tistaqsi lil xi ħadd li tafdah biex jirrappreżentak bħala persuna persuna nominata għal Centrelink.

Tħallihiex tard wisq. Jekk tagħżel persuna nominata issa, ifisser li in tkun tista' tiddeċiedi minn jirrappreżentak kif ukoll it-tip ta' arranġamenti u l-livell t'aċċess li għandhom. Hemm arranġamenti differenti li jgħoddu għall-bżonnijiet tiegħek.

Persuna nominata għall-Centrelink tista' tgħinek biex:

- Tikkomunika - persuna nominata tista' tkellem lil Centrelink għalik, biex int ma jkollokx bżonn tagħmel kollox waħdek.
- Xogħol li jinvolvi mili ta' karti - huma jistgħu jgħinuk timla l-formoli sewwa u jwieġbu l-ittri li tirċievi minn Centrelink.
- Iżommu d-dettalji dwarek aġġornati - huma jistgħu jgħidu lil Centrelink dwar it-tibdiliet għan-nom tiegħek.
- Immaniġġja l-pagamenti - persuna nominata dwar il-pagamenti tista' tirċievi u tuża l-pagamenti tiegħek ta' Centrelink għan-nom tiegħek skont ix-xewqat tiegħek.

Jekk ikollok persuna nominata għal Centrelink, jista' jagħmilha eħfef biex int tirċievi l-għajnuna li għandek bżonn.

Biex tagħżel persuna nominata, int għandek mnejn ikollok bżonn timla formola. Din il-formola tista' tinkiseb fi 8 lingwi.

Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/nominee**

# Tagħrif dwar il-pagamenti tiegħek

Int ser tirċievi 13-il pagament regolari kull 4 ġimgħat fis-sena.

| il-kalendarju tal-pagament tal-pensjoni ta' kull 4 ġimgħat - minn Ottubru 2025 sa Diċembru 2026 | | | |
|---|---|---|---|
| **Id-data meta ser nibgħatulek il-pagament tiegħek** | **Id-data meta id-depożitu dirett għandu jasal hi minn** | **Id-data meta ċ-ċekk għandu jasal hi minn** | **Il-perjodu li l-pagament ikopri** |
| 16 t'Ottubru 2025 | 22 t'Ottubru 2025 | 5 ta' Novembru 2025 | mid-18 ta' Settembru sal-15 t'Ottubru 2025 |
| 13 ta' Novembru 2025 | 19 ta' Novembru 2025 | 3 ta' Diċembru 2025 | mis-16 t'Ottubru sat-12 ta' Novembru 2025 |
| 11 ta' Diċembru 2025 | 17 ta' Diċembru 2025 | 31 ta' Diċembru 2025 | mill-13 ta' Novembru sal-10 ta' Dicembru 2025 |
| 8 ta' Jannar 2026 | 14 ta' Jannar 2026 | 28 ta' Jannar 2026* | mil-11 ta' Diċembru 2025 sas-7 ta' Jannar 2026 |
| 5 ta' Frar 2026 | 11 ta' Frar 2026 | 25 ta' Frar 2026 | mit-8 ta' Jannar 2026 sal-4 ta' Frar 2026 |
| 5 ta' Marzu 2026 | 11 ta' Marzu 2026 | 25 ta' Marzu 2026 | mis-5 ta' Frar 2026 sal-4 ta' Marzu 2026 |
| 31 ta' Marzu 2026** | 8 t'April 2026 | 20 t'April 2026 | mis-5 ta' Marzu 2026 sal-1 t'April 2026 |
| 30 t'April 2026 | 6 ta' Mejju 2026 | 20 ta' Mejju 2026 | mit-2 t'April 2026 sad-29 t'April 2026 |
| 28 ta' Mejju 2026 | 3 ta' Ġunju 2026 | 17 ta' Ġunju 2026 | mit-30 t'April 2026 sas-27 ta' Mejju 2026 |
| 25 ta' Ġunju 2026 | 1 ta' Lulju 2026 | 15 ta' Lulju 2026 | mit-28 ta' Mejju 2026 sal-24 ta' Ġunju 2026 |
| 23 ta' Lulju 2026 | 29 ta' Lulju 2026 | 12 t'Awwissu 2026 | mil-25 ta' Ġunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026 |
| 20 t'Awwissu 2026 | 26 t'Awwissu 2026 | 9 ta' Settembru 2026 | mit-23 ta' Lulju 2026 sad-19 t'Awwissu 2026 |
| 17 ta' Settembru 2026 | 23 ta' Settembru 2026 | 7 t'Ottubru 2026 | mill-20 t'Awwissu 2026 sas-16 ta' Settembru 2026 |
| 15 t'Ottubru 2026 | 21 t'Ottubru 2026 | 4 ta' Novembru 2026 | mis-17 ta' Settembru 2026 sal-14 t'Ottubru 2026 |
| 12 ta' Novembru 2026 | 18 ta' Novembru 2026 | 2 ta' Diċembru 2026 | mill-15 t'Ottubru 2026 sal-11 ta' Novembru 2026 |
| 10 ta' Diċembru 2026 | 16 ta' Diċembru 2026 | 30 ta' Diċembru 2026 | mit-12 ta' Novembru 2026 sad-9 ta' Dicembru 2026 |

* It-twassil taċ-ċekkijiet jista' jkun aktar tard minn dawn id-dati minħabba dewmien fit-tqassim tal-posta.
** Il-pagamenti ġew miġjuba 'l quddiem minħabba l-vaganzi tal-Għid.

## Il-pagamenti ta' depożitu dirett

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi aħna nħallsu pensjonijiet direttament fil-kontijiet tal-bank. Aħna nħeġġu l-użu ta' dan il-metodu ta' pagament għax hu sigur, ta' malajr u ta' min jorbot fuqu.

Jekk ikollok il-pagament tiegħek imħallas ħlas permezz ta' depożitu dirett fil-kont bankarju tiegħek, ikun disponibbli fi żmien minn 2 sa 6 ijiem wara l-ħruġ. **Vaganza pubblika f'pajjiżek tista' idewmek milli tirċievi l-pagament tiegħek.** Jekk il-pagament tiegħek ma jkunx wasal fi żmien 10 ġranet minn meta aħna bgħattnieh, iċċekkja mal-bank lokali tiegħek qabel ma tikkuntattjana.

## Id-dati tal-għeluq tas-Servizzi Internazzjonali

| Is-Servizzi Internazzjonali ser ikun magħluqa fil-: | |
|---|---|
| Vaganza pubblika tal-Milied | 25 ta' Diċembru 2025 |
| Vaganza pubblika tal-Boxing Day | 26 ta' Diċembru 2025 |
| Il-vaganza tas-Servizz Pubbliku | 29 ta' Diċembru 2025 |
| Il-vaganza pubblika tal-Ewwel tas-Sena | 1 ta' Jannar 2026 |
| Il-vaganza pubblika tal-Australia Day | 26 ta' Jannar 2026 |
| Il-vaganza pubblika tal-Ġimgħa l-Kbira | 3 t'April 2026 |
| Il-vaganza pubblika tat-Tnejn ta' Wara l-Għid | 6 t'April 2026 |

# Ir-Rati

Ir-rati tal-pensjoni u l-limiti stipulati ta' barra l-Awstralja jerġgħu jiġu assesjati f'Jannar, f'Marzu, fl-Lulju u f'Settembru kull sena.

# Rati u limiti stipulati

Dawn iċ-ċifri ta' dollari Awsraljani (A$) huma biss gwida u huma effettivi mill-20 ta' Settembru 2025 għajr meta jingħad mod ieħor.

| Pensjoni barra l-Awstralja rati u limiti stipulati | PERSUNA WAĦIDHA | KOPPJA t-tnejn eliġibbli | KOPPJA sieħeb/ sieħba wieħed/ waħda eliġibbli | KOPPJA separata minħabba mard |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm pensjoni [1, 2, 3, 4]** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena kull wieħed/waħda** |
| Rata bażika massima | A$28,072.20 | A$42,322.80 | A$21,161.40 | A$28,072.20 |
| Basic Pension Supplement | A$767.00 | A$1,263.60 | A$631.80 | A$767.00 |
| **Total** | **A$28,839.20** | **A$43,586.40** | **A$21,793.20** | **A$28,839.20** |
| Dħul Permissibbli [5,6] | Kull sena | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Pensjoni Sħiħa | sa A$5,668.00 | sa A$9,880.00 | sa A$9,880.00 | sa A$9,880.00 |
| Pensjoni parzjali | Anqas minn A$63,346.40 | Anqas minn A$97,052.80 | Anqas minn A$97,052.80 | Anqas minn A$125,236.80 |
| Assi Permissibbli [7] | Persuna waħidha | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Pensjoni sħiħa — Sid id-Dar | A$321,500 | A$481,500 | A$481,500 | A$481,500 |
| Pensjoni sħiħa — Mhux Sid id-Dar | A$579,500 | A$739,500 | A$739,500 | A$739,500 |
| Pensjoni parzjali — Sid id-Dar | Anqas minn A$691,250 | Anqas minn A$1,040,500 | Anqas minn A$1,040,500 | Anqas minn A$1,221,00 |
| Pensjoni parzjali — Mhux Sid id-Dar | Anqas minn A$949,250 | Anqas minn A$1,298,500 | Anqas minn A$1,298,500 | Anqas minn A$1,479,000 |
| Rati kkalkulati u limiti stipulati | Persuna waħidha | Flimkien | Flimkien | Flimkien |
| Limitu Stipulat | A$64,200 | A$106,200 | A$106,200 | A$106,200 |
| Rati taħt il-limitu stipulat | 0.75% | 0.75% | 0.75% | 0.75% |
| Rata 'l fuq mill-limitu stipulat | 2.75% | 2.75% | 2.75% | 2.75% |

Dawn ir-rati japplikaw għall-klijenti li jkunu permanenti barra mill-Awstralja jew neqsin mill-Awstralja għal aktar minn 6 ġimgħat.

1. Aħna naħdmu r-rata tal-pagament skont it-testijiet tad-dħul u tal-assi. Aħna napplikaw it-test li jirriżulta fir-rata aktar baxxa jew ir-rata żero. Xi assi huma meqjusa li qed jaqilgħu d-dħul u hemm regoli speċjali għal tipi oħra ta' dħul. Jekk int għama permanenti m'hemm l-ebda test tad-dħul jew tal-assi.
2. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata mnaqqsa tal-pensjoni bbażata fuq kemm kienu ilhom residenti Awstraljani.
3. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata tranżitorja tal-pensjoni bbażata fuq ir-regoli tat-test tad-dħul ta' qabel l-20 ta' Settembru 2009. Għal dawn il-klijenti, aħna nikkomparaw r-rata tranżitjorja mar-rata kurrenti. Jekk ir-rata kurrenti hija l-istess jew ogħla minflok aħna ser inħallsuk ir-rata kurrenti. Ladarba tirċievi r-rata kurrenti tal-pensjoni ma tistax tmur lura għar-rata tranżitorja.
4. Klijenti jistgħu jirċievu r-rata ogħla tad-Disability Support Pension jekk għandhom anqas minn 21 sena u m'għandhomx tfal dipendenti. Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/dsp**
5. Dħul ta' anqas minn A$218 kull ħmistax għal persuna waħedha u A$380 kull ħmistax għal koppja flimkien mhux ser jaffettwa r-rata tal-pensjoni. Dan jissejjaħ livell ta' qligħ eżentat. Għal kull dollaru ogħla mill-livell ta' qligħ eżentat, aħna nnaqqsu r-rati b'A$0.50ċ għall-persuni waħidhom u A$0.25c kull wieħed għall-koppji. Il- livell ta' qligħ eżentat japplika wara kwalunkwe ammonti tal-Work Bonus. Għal aktar tagħrif, mur **servicesaustralia.gov.au/income**
6. Il-Work Bonus jgħin klijenti eliġibbli biex jaqalgħu aktar flus mix-xogħol mingħajr ma titnaqqas il-pensjoni tagħhom. Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/work-bonus**. Il-Work Bonus ma japplikax għar-rata tranżitorja tal-pensjoni.
7. Klijenti jista' jkollhom assi sa ċertu ammont mingħajr ma jaffettwawlhom il-pensjoni tagħhom. Dan jissejjaħ livell ta' assi eżentati. Hemm diversi livelli ta' assi eżentati li japplikaw skont l-istat tar-relazzjoni tal-klijenti u jekk humiex sidien ta' darhom. Ara l-websajt tagħna għal lista sħiħa tal-livelli ta' assi eżentati. Għal kull A$1,000 ta' assi addizzjonali aktar mill-livell ta' assi eżentati, aħna nnaqqsu r-rati b'A$3 kull ħmistax għall-persuni waħedhom u A$1.50 kull ħmistax għal kull wieħed għall-koppji. Aħna ma ninkludux ċerti assi fit-test tal-assi. Għal aktar tagħrif, żur **servicesaustralia.gov.au/assets**

## Ir-rati internazzjonali tal-kambju huma disponibbli onlajn

Aħna naħdmu l-ammont tal-pagament li tirċievi billi nużaw it-test tad-dħul u tal-assi. Jekk għandek assi fi, jew qed taqla' dħul minn pajjiż ieħor, aħna neħtieġu naħdmu l-valur tagħhom f'dollari Awstraljani. Biex nagħmlu dan aħna nużaw ir-rati tal-kambju. Aħna nippubblikaw t-tagħrif dwar ir-rati tal-kambju fuq sit tagħna tal-web.

> Biex tiċċekkja r-rati tal-kambju mur fuq **servicesaustralia.gov.au/international**

## Żomm ruħek aġġornat mal-aħħar rati tal-pagament u tad-dati tal-pensjoni.

Għall-aħħar informazzjoni dwar ir-rati tal-pensjoni u d-dati tal-pagament barra mill-Awstralja, żur **servicesaustralia.gov.au** u fittex għar-rati tal "payment rates outside Australia" (pagament rati barra mill-Awstralja). Aħna naġġornaw ir-rati tal-pensjoni, u l-limiti stipulati tad-dħul u tal-assi fuq is-sit tal-web tagħna hekk kif jinbidlu.

> Din in-newsletter tinsab ukoll fil-websajt tagħna, żur **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

**Ċaħda:** il-Commonwealth of Australia ipprova jiżgura lit-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni hu preċiż. Madankollu, il-Commonwealth ma jiggarantixxix li t-tagħrif hu preċiż jew anqas sħiħ u lanqas mhu ser ikun obbligat għal kwalunkwe telf li sofriet xi persuna għax qagħdet fuqu b'kwalunkwe mod. Int għandek tikkuntattja lil Australian Government Services Australia għad-dettalji sħaħ dwar kwalunkwe intotalmenti u servizzi li int tista' tkun eliġibbli għalihom jew kif kwalunkwe tibdil pendenti fil-leġislazzjoni, programmi jew servizzi jistgħu jolqtuk.

## Kif tikkuntattjana

Mur f' **servicesaustralia.gov.au** biex issib tagħrif dwar il-pagament tiegħek kif ukoll dwar il-pagamenti u s-servizzi oħra tagħna.

Ċemplilna mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8 am u l-5pm ħin ta' Hobart.

Tista' tuża in-numri li jidhru fuq in-naħa opposta biex tikkuntattjana mill-pajjiż tiegħek. Din it-telefonata bla ħlas tista' ma tkunx disponibbli mill-postijiet kollha fil-pajjiż tiegħek u tista' ma tkunx bla ħlas jekk int qed iċċempel minn telefown mobajl

Jekk dan is-servizz ma jkunx disponibbli, jew jekk tgħix f'pajjiż li mhux fuq il-lista, jekk jogħġbok ikkuntattjna fuq **+61 3 6222 3455**.

Tista' wkoll tiffakksjalna fuq **+61 2 6124 8813**, jekk iktbilna f':

**Services Australia**
**Centrelink International Services**
**PO Box 7809**
**Canberra BC ACT 2610**
**Australia**

Jekk jogħġbok inkludi ismek, Centrelink Customer Reference Number u n-numru tat-telefown tiegħek fil-mistoqsija tiegħek.

Ċempel in-numru muri mingħajr kwalunkwe kodiċijiet internazzjonali jew tal-pajjiż qablu.

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | **0800 295 165** |
| Il-Kanada | **1888 2557 493** |
| Iċ-Ċina (Tramuntana)* | **10 800 6100 427** |
| Iċ-Ċina (Nofsinhar)* | **10 800 2611 309** |
| Id-Danimarka | **8088 3556** |
| Il-Ġermanja | **0800 180 2482** |
| Il-Greċja | **0080 0611 26209** |
| L-Indja | **000 800 61 01098** |
| L-Indoneżja | **001 803 61 035** |
| L-Irlanda | **1800 200 333** |
| L-Italja | **800 781 977** |
| Ir-Repubblika tal-Korea | **003 081 32326** |
| L-Olanda | **0800 0224 364** |
| In-New Zealand | **0800 441 248** |
| Il-Filippini | **1800 1611 0046** |
| Il-Polonja | **00 800 6111 220** |
| Il-Portugall | **800 861 122** |
| Is-Singapore | **800 6167 015** |
| L-Ispanja | **900 951 547** |

* Iċ-Ċina (tat-Tramuntana) tinkludi l-provinċji ta' Beijing, Tianjin, Hebei, Shanxi, Il-Mongolja ta' Ġewwa, Heilongjiang, Liaoning, Jilin, Shandong u Henan. Aħna nqisu il-provinċji l-oħra kollha bħala ċ-Ċina (tan-Nofsinhar)

INT001MT.2510 MALTESE